

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1871

tat-23 ta' Novembru 2018

li jirreġistra indikazzjoni ġeografika ta' xarba spirituża fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 ("Карнобатска гроздова ракия"/"Гроздова ракия от Карнобат"/"Karnobatska grozdova rakya"/"Grozdova rakya ot Karnobat" (IG))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorġ spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(8) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008, il-Kummissjoni eżaminat it-talba ppreżentata mill-Bulgarija għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Карнобатска Гроздова ракия"/"Гроздова ракия от Карнобат"/"Karnobatska grozdova rakya"/"Grozdova rakya ot Karnobat".
- (2) Wara li ddeterminat li t-talba hija konformi mar-Regolament (KE) Nru 110/2008, il-Kummissjoni ppubblikat l-ispecifikażzjonijiet ewlenin tal-iskeda informattiva skont l-Artikolu 17(6) tar-Regolament imsemmi, f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.
- (3) L-ebda dikjarazzjoni tal-oppożizzjoni, skont l-Artikolu 17(7) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008, ma ntabqiet lill-Kummissjoni, l-indikazzjoni "Карнобатска Гроздова ракия"/"Гроздова ракия от Карнобат"/"Karnobatska grozdova rakya"/"Grozdova rakya ot Karnobat" "Гроздова ракия от Търговище/Grozdova rakya ot Targovishte" jenħtieġ li tiġi rreġistrata bħala indikazzjoni ġeografika fl-Anness III ta' dak ir-Regolament.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għax-Xorb Spirituż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008, fil-kategorija "Spirtu magħmul mill-inbid", tiżdied l-entrata li ġejja:

| | | |
|----------------------------|---|--------------|
| "Spirtu magħmul mill-inbid | "Карнобатска Гроздова ракия"/"Гроздова ракия от Карнобат"/"Karnobatska grozdova rakya"/"Grozdova rakya ot Karnobat" | Il-Bulgarija |
|----------------------------|---|--------------|

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 39, 13.2.2008, p. 16.

⁽²⁾ GUC 296, 7.9.2017, p. 23.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2018.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Phil HOGAN

Membru tal-Kummissjoni
